**ID-DISA' LEĠISLATURA**

# MINUTI 19

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

Laqgħa Numru 19 Nhar it- Tnejn 24 ta' November, 2025

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

**Preżenti:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Martin Vella – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Conrad Borg Manche – Kunsillier
- Ryan Sciberras – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Jessica Borg – Kunsilliera

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

**19.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 17)**

19.2.1 Qari tal-Minuti Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 17. Peress li l-abbozzi kienu tqassmu minn qabel lill-membri kollha, dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

19.2.2 Qari tal-Minuta 17.3.5 – Proposta ta' mera fi Triq Tas-Sliema Is-Sindku spjega li l-mera ma tistax titwaħħal fiċ-central strip. Huwa ssuġġerixxa li l--aħħar post ta' parkeġġ jinbidel għal 'MC only' sabiex xorta waħda jkun hemm viżibilità xierqa.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 17 ġew approvati. Proposta: Kunsilliera Tania Borg Sekondata: Kunsillier Aaron Caruana Deċiżjoni: Approvata unanimament.

---

**19.2.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 18)**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 18 tqassmu minn qabel u ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 18 ġew approvati. Proposta: Kunsillier Aaron Caruana Sekondata: Kunsillier Martin Vella Deċiżjoni: Approvata unanimament.

---

**19.3 Komunikazzjoni mill-Accountant – Mr Daniel Galea**

L-Accountant ippreżenta u spjega fid-dettall ir-rapport finanzjarju tal-Q2 għas-sena 2025. Ġie nnutat li l-Kunsill mexa b'mod sod u responsabbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-capital expenditure.

Sa Ġunju 2025 ġie rreġistrat bilanċ ta' €34,527, b'total ta' riżervi ta' €333,572. L-FSI ta' 51% ġie kkonfermat bħala sodisfaċenti ħafna.

Anness ser tkun mehmuża kopja tar-rapport tal-Q2.

Proposta: Kunsilliera Tania Borg Sekondata: Kunsilliera Joyce Bray Deċiżjoni: Approvata unanimament.

---

**19.5 Avveniment – Kiri ta' Tiżjin tal-Milied**

Ir-Reġjun ħareġ skema ta' għajnuna għat-tiżjin tal-Milied u se jkun qed jikkontribwixxi €4,000 lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill aċċetta li dan l-ammont jitnaqqas mill-ispiża tal-kuntratt tad-dwal tal-Milied għas-sena 2025.

Deċiżjoni: Approvata unanimament.

---

**19.6 Proġett b'Kollaborazzjoni mar-Reġjun**

Ir-Reġjun offra fondi sa massimu ta' €15,000 lil kull Kunsill Lokali għal proġett wieħed, li għandu jitlesta sa l-aħħar ta' Novembru 2026. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li dawn il-fondi jintużaw għar-refurbishment tal-uffiċji l-ġodda.

Fl-aħħar tal-proġett ser titwaħħal plakka li tindika l-emblema tal-Kunsill Reġjonali tal-Lvant u li l-proġett ġie ffinanzjat permezz ta' fondi mogħtija minn dan il-Kunsill Reġjonali.

Deċiżjoni: Approvata unanimament.

---

**19.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.7.1 Triq Manoel de Vilhena Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt ma' Infrastructure Malta rigward Triq Manoel de Vilhena. Fil-proġett ser jiġu installati bollards, fanali u qsari ornamentali.

19.7.2 Viviene Home Is-Sindku informa li nhar is-7 ta' Diċembru 2025 ser tittella' attività tal-Milied ġewwa Viviene Home fl-10:30 a.m., bil-parteċipazzjoni tal-kor tal-kappillan.

19.7.3 LESA Ġiet diskussa applikazzjoni li ser issir ma' LESA sabiex jiġi rranġat il-housing estate permezz ta' żieda ta' cameras, dawl adegwat u tiswijiet fil-bankini fejn ikun meħtieġ. Deċiżjoni: Approvata unanimament.

19.7.4 Water Services Qed isir xogħol mill-Water Services fi Triq Cuschieri u Triq Sant Albert.

19.7.5 Christmas Village Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Christmas Village, kif ġej:

- Gżira Band – 14:00 sa 15:00
- Mount Carmel Band Club – 15:00 sa 16:00
- Exenia Sammut – 16:00 sa 16:30
- La Voix Harmonies – 16:30 sa 17:30
- Gordie Debono u Danica Muscat – 17:30 sa 18:30
- Kelsey Bellante – 18:30 sa 19:30

Ser ikun hemm wkoll stands, storytelling, play area għat-tfal, bouncy castle u Santa Claus fuq is-slitta għal ritratti, fost attivitajiet oħra.

19.7.6 Cleansing Department Is-Sindku informa li hemm diversi diffikultajiet relatati ma' nuqqas ta' ħaddiema minħabba sick leave u leave ieħor. Il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat email uffiċjali lid-Dipartiment tat-Tindif.

**19.8 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

19.8.1 Il-Kunsillier Ralph Mangion appella sabiex jiġi organizzat tournament tal-football għall-Under 13, bil-qligħ kollu jmur għall-Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel unanimament.

19.8.2 Il-Viċi Sindku Ralph Mangion issuġġerixxa l-installazzjoni ta' sleeping policeman fi Triq Nazju Ellul ħdejn il-binja l-ġdida.

19.8.3 Il-Kunsilliera Joyce Bray staqsiet jekk il-Kunsill ikkomunikax mal-għalliema tal-korsijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li kienet saret il-komunikazzjoni.

19.8.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-kamera quddiem il-knisja. Ġie kkonfermat li l-kamera ser tasal dalwaqt.

19.8.5 Il-Kunsilliera Tania Borg staqsiet dwar il-bidu tal-promozzjoni tal-attività tal-Milied. Is-Segretarju spjegat li l-poster huwa lest u ser jibda jitpoġġa fuq il-media soċjali. Ġie nnutat ukoll li mill-1 ta' Diċembru ser jibdew jitqassmu l-cards tal-Milied lir-residenti kollha, li jinkludu riklam tal-attività.

19.8.6 Il-Kunsillier Ryan Sciberras staqsa dwar it-tneħħija ta' wires mhux użati fi Triq Manoel de Vilhena. Il- kunsill bagħtu diversi emails lill-entitajiet konċernati.

19.8.7 Il-Kunsillier Aaron Cuschieri staqsa dwar l-involviment tal-Kunsill f'Manoel Island. Is-Sindku spjega li, skont l-informazzjoni disponibbli, Manoel Island mistennija terġa' tinqala' lura għall-poplu u tinbidel f'park nazzjonali, iżda ma hemmx dokumentazzjoni uffiċjali.

Il-Kunsillier Conrad Borg Manche ssottolinja l-importanza li jinbidlu l-local plans sabiex ma ssir ebda żviluppi futuri fuq is-sit.

Ġiet diskussa wkoll il-proposta li jinħoloq stop sign ħdejn Viviene Home sabiex jiġi indikat min għandu jagħti l-give way.

---

**19.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet**

L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 17/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill.

Proposta: Kunsillier Sekondata: Kunsillier Deċiżjoni: Approvata unanimament.

---

**19.10 Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fis-6:13 p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025, fl-4:30 p.m., fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| Neville Chetcuti | Mandy Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |